# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Gunju 2001**

**Numru 41**

**Citaz. numru: 2786/99 M1 NA**

**Joseph Mifsud**

**vs**

**Maria Fatima Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fid-29 ta' Dicembru 1999 fejn ippremetta:-

"Illi l-attur u l-konvenuta zzewgu fil-31 ta' Ottubru 1965, f'Hal-Ghaxaq, kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg (Dokument "A");

Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b'difett serju tad-diskrezzjoni tal-gudizzju dwar il-hajja matrimonjali jew dwar id-drittijiet u

obbligi essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg,u anke ghaliex il-kunsens tal-konvenuta kien vizjat bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wahda jew aktar mill-elementi essnzjali tal-hajja mizzewga;

Illi dawn il-fatti jirrendu l-imsemmi zwieg null u bla effett;

TALAB li, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-31 ta' Ottubru 1965 huwa null u bla effett minhabba r-ragunijiet fuq indikati jew xi wahda minnhom;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu, il-lista tax-xhieda w id-dokumenti minnu esebiti.

Il-konvenuta, debitament notifikata, ma ghamlitx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha skond il-ligi u, ghalhekk, waqghet

kontumaci. Dan nonostante dehret fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2000 pero' ma ghamlet ebda talba biex tiggustifika l-kontumaci taghha. F'din is-seduta l-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Joseph Buttigieg biex jigbor il-provi u jirrelata. Huwa halef ir-relazzjoni tieghu fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2000. L-attur assistit rremetta ruhu ghar-rapport peritali. Il-konvenuta ma dehritx u l-kawza giet differita ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ikkunsidrat:-

Illi n-nuqqas tal-konvenuta li tiehu nteress f'din il-kawza kompla quddiem il-Perit Legali fejn hija ma attendietx ghal zewg seduti li gew minnu ffissati u ghalhekk, gustament, huwa ghadda ghar-rapport tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok il-Perit Legali ezamina n-nullita' ta' dan iz-zwieg taht is-sub-incizi (d) u (f) tas-sub-artikolu (1) ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi kienu dawn is-sub-incizi li gew imsemmija mill-attur fil-premessi citattivi tieghu. Dan l-ezami sar minnu fid-dawl tas-

sentenzi moghtija minn din il-Qorti ("Spiteri xebba Selvaggi vs Spiteri" - 4/11/94; "Debono xebba Gauci vs Debono" - 16/9/96).

Effettivament wara li kkunsidra illi l-ligi applikabbili ghall-kaz in kwistjoni kellha tkun il-ligi vigenti u dana fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti, kif presjeduta, "Spiteri vs Spiteri" (Citazz. Nru: 704/95 - 17/6/99) wasal ghall-konkluzzjoni illi: "*L-esponent jidhirlu illi, mill-kumpless tal-provi f'din il-kawza, jirrizulta car illi l-konvenuta zgur kellha difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju (Art. 19 (1) (d); dana peress illi kienu jonqsu fih kemm "la maturita' di giudizio" kif ukoll "la maturita' affettiva".*"

U aktar tard: "*Ix-xhieda kollha migbura f'din il-kawza tindika dan b'mod inekwivoku. B'mod evidenti, jirrizulta li kien nieqes fil-konvenuta l-apprezzament shih u necessarju dwar id-drittijiet u l-obbligi li jgib mieghu z-zwieg, ghal dak li jirrigwarda l-mizzewgin fil-konfront ta' xulxin.*"

Kien ghalhekk illi fil-fehma tieghu: "*Ghaldaqstant, in-nullita' taz-zwieg kontemplata minn dan is-sub-inciz tal-ligi [Art. 19 (1) (d)] tirrizulta sodisfacentement pruvata.*"

Fir-rigward tan-nullita' ta' dan iz-zwieg taht is-sub-inciz (f) huwa kien ta' l-opinjoni illi: "*Fir-rigward ta' dan s-sub-inciz, l-esponent ukoll jidhirlu li hemm provi bizzejjed biex it-talba ghan-nullita' taz-zwieg tigi akkolta.*"

Hu ghalhekk ikkonkluda illi: "*Minn ezami akkurat tac-cirkostanzi antecedenti, konkomittanti u sussegwenti ghall-ghoti tal-kunsens ghaz-zwieg, jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenuta kellha l-hsieb posittiv li cahhad lill-atturi minn wiehed jew aktar mill-obbligi essenzjali taz-zwieg. Ghalhekk in-nullita' kontemplata taht dan is-sub-inciz tal-ligi [Art. 19 (1) (f)] giet konludentement pruvata.*" Ghal dawn ir-ragunijiet, skond hu, iz-zwieg kellu jigi ddikjarat null anke taht dan is-sub-inciz.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti tikkondividi dan il-parir tal-Perit Legali u ftit li xejn ghandha x'izzid mieghu. Irrizulta illi l-konvenuta mhux biss ittraskurat ghal kollox lill-attur, lit-tfal li kellhom il-koppja li spiccaw trabbew min-nanniet u lid-dar konjugali f'kollox, izda kienet tipprattika l-prostituzzjoni ad insaputa ta' zewgha, sakemm dan skopra ghax fil-bidu ma riedx jemmen. Jirrizulta

wkoll mill-provi, almenu zgur minn dawk indirettivi w indizjarji illi dan il-vizzju tal-konvenuta kien jezisti sa minn qabel iz-zwieg, pero' kien gie mohbi lill-attur li ddikjara li kieku kien jaf bih, skond kif xehed hu, zgur li ma kienx jidhol ghal dan iz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet in aggiunta ma' dawk moghtija mill-Perit Legali, din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talba attrici u tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fil-31 ta' Ottubru 1965 huwa null u bla effett minhabba r-ragunijiet indikati fil-premessi citattivi u dana bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-istess konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.